# IL-FORTIZZA TAL-MADLIENA

L-għolja tal-Madliena li tiġi fuq in-naħa l-oħra ta' Wied id-Dis tgawdi dehra mill-aqwa u minn hemm fuq il-ħarsa timrah madwar dik il-parti tal-baħar mill-inħawi tas-Salini f'Baħar iċ-Ċagħaq u tibqa' sejra sa San Ġiljan. Kienet din ir-raġuni li ġegħlet lill-Ingliżi jħossu l-ħtieġa li jibnu fortizza qawwija sabiex tkun tista' tħares dawk l-inħawi u b'hekk dik iż-żona tkun protetta sew minn kull għadu minħabba illi l-ibħra ta' dawk l-inħawi huma baxxi.

Fil-fatt, il-fortizza tal-Madliena tinsab ftit il-fuq mill-Victoria Lines li kienu ġew mibnija mill-istess Ingliżi biex isaħħu dik it-tarġa ta' Malta li taqsam minn Fomm ir-Riħ sal-għolja tal-Madliena. Ta' min jgħid illi kien hemm fortizzi oħrajn illi kienu nbnew matul il-Victoria Lines. Ftit 'il-bogħod minn din il-fortizza konna nsibu Radar kbir.

Fl-imgħoddi nsibu li minflok dik il-fortizza kien hemm daqsxejn ta' knisja żgħira ddedikata lil Santa Marija Madalena li tmur lura ferm fiż-żmien. Fil-fatt kienet din il-knisja li sar l-isem lil din l-għolja ta' ma' ġenb il-knisja. Ħdejn din il-knisja kien hemm ukoll dar żgħira li kienet tiġi użata mis-sagristan li kien jieħu ħsieb din il-knisja.



Insibu li fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, meta dawn kienu magħluqin il-Belt, kienet tinżamm għassa kontinwa fuq l-ibħra ta' din ix-xaqliba minn fuq il-bejt ta' din il-knisja.

Meta l-Ingliżi ddeċidew illi jibnu fortizza jiġifieri fl-1880, din il-knisja ġiet imwaqqa' u minflokha beda x-xogħol tal-bini tal-fortizza. Dan ix-xogħol beda għaddej b'ritmu mgħaġġel u fil-fatt tlestiet f'qasir żmien.

L-għamla ta' din il-fortizza hija pentagonali bil-foss idur magħha. Il-ħitan tagħha huma mastizzi biex isaħħuha. Din il-fortizza għandha kanun kbir li jiżen madwar 25 tunnellata u erba' kanuni oħra fil-foss tagħha. Il-qawwa ta' dawn il-kanuni jilħqu arka ta' 270 jarda b'range ta' madwar tmint elef jarda.

Fuq in-naħa ta' wara tal-fortizza hemm bieb prinċipali b'Rolling Bridge quddiemu fuq il-foss. Din il-fortizza swiet lill-Ingliżi s-somma ta' elf sterlina li kienet somma kbira għal dak iż-żmien.

Il-fortizza tal-Madliena kellha parti attiva ferm fi żmien l-aħħar gwerra dinjija u kienu l-kanuni qawwija tagħha illi kienu jisparaw fuq l-ajruplani ta' l-għadu li kienu jiġu biex jibbumbardjaw il-gżejjer tagħna. Fil-fatt il-ħsejjes ta' l-isparar ta' dawn il-kanuni kien jidwi mar-raħal tagħna kollu.

Illum din il-fortizza qeda siekta. Iżda madankollu xorta tibqa' bħala monument storiku tar-raħal tagħna u parti mill-wirt nazzjonali tagħna.

**Lino Wettinger**



*Plan for fort record book traced 28 May 1927*